MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru 739/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**
**VS**
**KEITH LANZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Lanzon ta’ 22 sena, bin Emanuel u Tania Gauci, mwieled 28 ta’ Settembru 1989 Pieta, residenti Blk G1, Flat 5, Triq it- Trincetta Housing Estate, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 457389M;

Talli ;

1) nhar is- 17 ta’ Lulju 2012 ghall- habta tal- 4.15pm gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Qawra iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kie jaf li ma sarx, inkella bil- qerq halaq tracci ta’ reat b’ mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw dli dak ir- reat kien sehh;

2) ukoll talli nhar is- 17 ta’ Lulju 2012 ghall- habta tas- 2.15pm gewwa Triq it- Turisti, Qawra ikkommetta serq ta’ flus kontanti ghal ammont ta’ aktar minn €2329.37 ghad- detriment ta’ Anthony Agius u jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- valur u l- persuna;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tittratta sommarjament mal-imputat;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza jittratta serq minn impjegat ta’ stabbiliment kumercjali li kien gie fdat mill-imghallem tieghu biex jigbor flus minn ghand klijenti. Fis-17 ta’ Lulju, 2012, l-imputat kien qieghed fuq xogholu flimkien ma’ impjegat iehor, u qabad u ha l-flus kontanti li kellu dak il-hin, u biex jahbi dan il-fatt, ghamel rapport l-ghassa tal-Qawra fejn qal li kienu serquh ghax halla l-flus fil-vann.

Dan ghamlu biex ghamel tajjeb ghal xi dejn li kellu ma' terzi. Ghalhekk il-Pulizija arrestatu u resqitu fuq serq u fuq rapport falz.

Bl-ammissjoni tal-imputat, din il-qorti qed issibu hati u sejra ghalhekk tghaddi biex tikkonsidra l-piena. L-ammont misruq minn Anthony Agius, sid ix-xoghol tal-imputat, huwa ta' €2,843.32, u l-interess ewlieni ta' Agius huwa li jigi rifuz dan l-ammont. Is-serq ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur, bhal ma hu dan ir-reat, huwa punibbli bi piena massima ta' seba' snin prigunerija, u ma tistax tinghata fil-minimum taghha, li hu ta' tlittax-il xahar. Ghalhekk, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-htiega tar-rifuzjoni tal-ammont misruq, tal-fedina penali netta tal-imputat u tal-eta' tenera tieghu, il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' ordni ta' supervizjoni u ordni ta' hlas tal-ammont misruq. Din ghandha sservi kemm ta' deterrent ghall-imputat li ma jwettaqx reat iehor f'dan iz-zmien, kemm bhala mezz ta' sorveljanza fuqu, kif ukoll ghandha taghmel tajjeb bhala riparazzjoni ghal-hazin li hu ghamel fil-konfront tal-imghallem tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 110(2) u 261, 267, 268 u 279(b) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill imputat ihallas is-somma ta' elfejn, tmien mija, tlieta w erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,843.32) lil Anthony Agius fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------